Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,511, 3 ta' Novembru, 2020

Taqsima D

K.L.B.L 37/04/2020

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2020 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali Mellieħa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Mellieħa għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu l-*Bye-Laws* tal-2020 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali Mellieħa) u dawn il-*bye-laws* għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-lokalità tal-Mellieħa (Kunsill Lokali Mellieħa), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-*bye-laws* prinċipali". S.L. 363. 143.

Temenda l-*bye-law* 2 tal-*bye-laws* prinċipali.

2. Il-*bye-law* 2 tal-*bye-laws* prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-tifsira "applikazzjoni", il-kelma "fil-Ħames" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "fis-Sitt"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "lokalità" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura bil-mutur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku;". Kap. 65.

Temenda l-*bye-law* 3 tal-*bye-laws* prinċipali.

3. Il-*bye-law* 3 tal-*bye-laws* prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-bye-law 3.1.1. tagħha, il-kliem "inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp jew jorganizza xi tisjir fil-miftuħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-*Bye-laws* u bil-kundizzjonijiet stipulati fil-permess:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp, caravan jew jorganizza xi tisjir fil-miftuħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-*bye-laws* u bil-kundizzjonijiet stipulati fil-permess, liema kundizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala parti minn dawn il-*bye-laws*. Dawn il-permessi huma soġġetti għal u għandhom jinqraw flimkien mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti u kundizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti dwar il- L.S. 549. 123.

Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar.";

(b) fil-*bye-law* 3.1.1. tagħha, minnufih wara l-paragrafu (ċ) għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda ma huwiex permess li jsir ipparkjar ta' vettura bil-mutur, jew caravan fiż-Żoni għall-Kampeġġ A, B u Ċ, kif delineati fl-Ewwel Skeda:

Iżda wkoll ma huwiex permess li jsir ipparkjar ta' *campers* u caravans fil-postijiet indikati fil-Ħames Skeda;";

(ċ) fil-*bye-law* 3.1.2. tagħha, minnufih wara l-kliem "fil-bajjiet indikati" għandhom jiżdiedu l-kliem "fl-Ewwel u"; u

(d) fil-proviso tal-*bye-law* 3.1.2. tagħha, il-kliem "indikati fit-Tielet Skeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u żoni ta' kampeġġ indikati fl-Ewwel u fit-Tielet Skeda".

Temenda l-*bye-law* 4 tal-*bye-laws* prinċipali.

4. Fil-*bye-law* 4.4 tagħha, il-kelma "fis-Sitt" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "fis-Seba'".

Temenda l-*bye-law* 5 tal-*bye-laws* prinċipali.

5. Fil-*bye-law* 5 tal-*bye-laws* prinċipali, il-kliem "ta' mhux aktar minn sebgħin euro (€70)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' mhux inqas minn mitt euro (€100) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500)".

Temenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-*bye-laws* prinċipali.

6. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-*bye-laws* prinċipali, minnufih wara l-kliem "żona għall-kampeġġ" għandhom jiżdiedu l-kliem "fejn huwa projbit tisjir fil-beraħ bl-użu tal-faħam u ħatab u fejn l-użu tal-ġeneraturi u daqq ta' mużika amplifikata huwa pprojbit.".

Temenda l-Ħames u s-Sitt Skeda li jinsabu mal-*bye-laws* prinċipali.

7. Il-Ħames u s-Sitt Skeda li jinsabu mal-*bye-laws* prinċipali għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) il-Ħames u s-Sitt Skeda li jinsabu mal-*bye-laws* prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-Sitt u s-Seba' Skeda rispettivament; u


(b) fis-Sitt Skeda tagħha, kif enumerata mill-ġdid, il-kliem "Tip ta' Attività: □ Barbecue □ Camping" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Tip ta' Attività: □ Barbecue □ Camping □ Caravan".

Iżżid Skeda ġdida mal-*bye-laws* prinċipali.

8. Minnufih wara r-Raba' Skeda li tinsab mal-*bye-laws* prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

"Il-Ħames Skeda
Postijiet fejn ipparkjar ta' caravans u campers huwa pprojbit.
(*bye-law* 3.1.1.)

Il-Parkeġġ fil-Bajja tal-Għadira, konfinanti minn Triq il-Marfa, it-triq li tagħti għall-inħawi Ta' Qassisu, u xatt-il-Baħar.



".